**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 03/12(26_04_12).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 26 t' April 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 t' April 2012.

1. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
2. Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.
3. Offerti MXR/001/2012 – Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
4. Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012.
5. Memo 90/2011 – Skema Attivitajiet Sportivi 2012.
6. Festa 2012 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2011.
12. Materji oħra.

**1.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

1.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 03/12(26_04_12).

**2.00 Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.**

2.01 Is-Sindku rrakkomanda li qabel ma jitkompla l-proċess ta' din is-sejħa għall-offerti, għandna nistennew ir-risposta mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali dwar ix-xogħol magħmul minn Kunsillier b' subappalt.

2.02 Peress li l-Festa tal-Munxar ser tiġi ċċelebrata bejn it-22 u s-27 ta' Mejju 2012, il-madum li ser jintuża għaz-Zuntier tal-Knisja u li kien tpoġġa fil-Pjazza jitneħħa. Ġie deċiż li dan jitpoġġa fil-bitħa tad-Dar Parrokkjali.

**3.00 Offerti MXR/001/2012 – Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.**

3.01 Is-Sejħa għall-Offerti ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Jannar 2012 u fil-Malta Independent ta' l-4 ta' Jannar 2012. L-offerta għalqet f' nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Frar 2012.

Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fis-6 ta' Frar 2012 u nstabu tliet offerti:

1. Joseph Mercieca
2. Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.
3. J. Portelli Projects

Il-Kunsill ikkummissjona lill-Perit William Lewis sabiex jeżamina l-offerti mitfugħin.

Il-Perit fir-rapport tiegħu rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Joseph Mercieca minħabba li hija l-orħos offerta.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Perit u li l-offerta tingħata lil Joseph Mercieca peress li kienet l-orħos offerta.

**4.00 Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012.**

4.01 Il-Kunsill kien applika sabiex issir attivita' li l-istima kienet telgħet għal €13,000. Issa l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €2,000 sabiex issir l-attivita' Eku mill-Munxar…dari u llum. Kien ippjanat li din l-attivita' ssir fid-19 ta' Mejju 2012 iżda peress li f' din il-ġurnata hemm ippjanati attivitajiet oħra fil-Munxar u f' Għawdex ġie deċiż li din issir il-Ħamis, 24 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill kien ser jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

4.02 Ġie deċiż li f' din l-attivita' jiġu mistiedna l-Gozo Youth Band u l-Mnarja Folk Group. Ser jittellgħu *stands* ta' għaqdiet tal-Munxar. Din is-Serata ser tiswa hekk:

| | |
|---|---|
| Gozo Youth Band | €900.00 |
| Mnarja Folk Group | €170.00 |
| Dawl | € 50.00 |
| *Sound* | €200.60 |
| *Posters* | € 28.50 |
| Kiri ta' Siġġijiet | € 40.00 |
| Preżentatur | € 35.00 |
| *Stands* | €600.00 |

**5.00 Memo 90/2011 – Skema Attivitajiet Sportivi 2012.**

5.01 Il-Bord ta' Evalwazzjoni approva l-attivitajiet sportivi li ġew proposti mill-Kunsill Lokali. Dawn l-attivitajiet ser jiswew €1,500 u l-Kunsill Lokali ser jingħata nofs is-somma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mill-Kunsill Malti għall-Isport, jiġifieri s-somma ta' €750.
Waħda mill-attivitajiet proposti hija sabiex issir *Sports Day*. Għaldaqstant ġie deċiż li ssir *Sports Day* fil-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2012. Din l-i*Sports Day* ser tiġi organizzata mill-Munxar Falcons FC u ser tiswa €200.

**11.00 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2011.**

11.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti *item* 11 - Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2011. Il-*Financial Statements* ġew ippreżentati mill-Awdituri Spiteri Bailey & Co. Għal din is-Sena Finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill kien baqalu bilanċ ta' €12,918. Dawn il-*Financial Statements* ġew approvati mill-Kunsill.

Il-ħin kien it-7.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn, 30 t' April 2012 fis-1.30 ta' wara nofsinhar sabiex titkompla l-istess Aġenda.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***